# Ċentru Antida

The Reception Centre of the
St Jeanne Antide Foundation - SJAF

**_SJA FOUNDATION_**
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

***Monthly Newsletter – Issue No. 16 October 2008***



## *A Sister of Charity from Lebanon in the mission of Sudan*

### *A « YES » always new …*

The « YES » already said to the Lord in Lebanon almost twenty years ago is the same one today here in Sudan but definitely a more profound "YES", always new and renewable. This YES is daily nourished by the Word of God and the Eucharist, by the personal and intimate meeting with God whose name is "Love" with the same Christ. It is also nourished when meeting with the poor.

This «YES» goes through difficult moments, moments of doubt, of fear and of solitude, moments of starting over again above all in the way of living poverty in such poor places where even what is most essential is lacking. It is not easy…neither poverty nor the poor themselves...

### *A poverty that does not leave you in peace…*

What I am living today in Sudan does not leave me in peace…

The people and above all the children who die through negligence, through lack of responsibility on the part of the parents or simply because they are poor.

The children in the streets looking for something to eat or working under horrible conditions. …
The Christians who struggle for their faith…
The women who work hard in order to receive a few things for their children at the end of the day.…
The women. for a long time waiting for the return of their husband or for their sons who left to go to war, without any news from them.…
The young girls who do not have the right to study because they are girls.…
And many other incredible situations.…

### *A question like a wound.…*

And I am here among these people, I, who lack nothing! Notwithstanding I am here to serve them, to serve the Good News.

But a question without a response remains like a wound deep down in my heart and which is always hurting me: Why such poverty? Why so much injustice in this world? Why these wars? Why the death of so many children? Where are the rights of living? The rights of children? The rights to be a free human being?

Saint Vincent de Paul's words encourage me and show me the infinite love that I must renew day after day in the service of the poor my brothers and sister.
***«Jeanne, you will soon see that charity is heavy to carry. Heavier than a bowl of soup and a full basket. But you will continue to be gentle and to smile. A bowl of soup and bread is not everything. The rich can do that. You are the little servant of the poor, the daughter of charity, always smiling, and in good humour, they are your masters, very susceptible and demanding masters, as you will see. So, the more they are dirty, the more they are unjust and rough, the more you must give them your love!... It is only for your love and only for your love that they will pardon you the bread that you give them.»*** *Saint Vincent de Paul*

## *Suor Agnese Farrugia*



Il-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità f'Settembru assenjat soru oħra biex twettaq ħidma ta' natura soċjo-pastorali fi ħdan il-Fondazzjoni.

Din hi Suor Agnese Farrugia ta' 65 sena li għexet ħajja mżewqa mhux ħażin. Aħna lkoll ferħanin b'dan il-pass u bil-ħidma sfieqa ta' Suor Agnese ma' individwi vulnerabbli. Suor Agnese qed taħdem fil-kuntest tas-Servizz ta' Social Work u toffri appoġġ lil individwi f'darhom stess. Billi hija nurse, qed iżżewwaq it-tim tas-Servizz ta' Social Work u tagħmlu wieħed aktar multi-dixxiplinarju.

Hija qed tagħti dan i-servizz fuq bażi part-time u volontarju. Sr Agnese ħadmet 5 snin San Vinċens De Paule bħala SEN qabel ma' daħlet soru fl-1960 u ħadet il-voti perpetwi fis-sena 1965. Qattgħet 7 snin l-Ingilterra tistudja u taħdem bħala SEN fis-snin 70 u kisbet taħriġ fil-Midwifery (Part 1), bħala Theatre Nurse (6 xhur) u Accident Emergency Nursing ukoll. Saret Registered SEN mal-General Nursing Council for England and Wales fis-sena 1975.

Wara li ġiet Malta, ħadmet għal 21 sena bħala nurse f'Disneyland ġewwa l-isptar St Lukes. F'Marzu tas-sena 1999 Sr Agnese telqet lejn il-Pakistan fejn qattgħet 4 snin tistinka 6 ijiem fil-ġimgħa biex iddewwi u tikkura lill-foqra fid-Dispensary tas-Sorijiet tal-Karità ġewwa Faisalabad. Ħadmet ukoll 3 snin fid-Dipartiment tad-Dermatoloġija ġewwa Boffa Hospital. Irtirat fl-2000.

***Grazzi Suor Agnese li qed taħdem magħna b'ferħ, tbissima u dedikazzjoni kbira!***



# BEAN BAGS

# FOR SALE

***Buy a bean bag and help us continue to help families in difficulty***

***Prices:***

**€25 Medium Size Bean Bags**
**€30 Large Size Bean Bags**

***For further details contact Miriam on 21808981***

# NEWS UPDATE

## Teams of the Reception Centre Services

### *Homework Support Service – SJAF Learning Support Programme*

We started our services on Wednesday 1st October. Due to logistic purposes, we now operate on four afternoons with a compliment of twenty-one service users.

The following table is gives a breakdown of our weekly time-table.

| Day | Tutor | No. of Service Users |
|---|---|---|
| **Monday** | Josianne | 2 |
| | Moira | 2 |
| **Wednesday** | Carmen | 1 |
| | Jessie | 1 |
| | Melanie | 1 |
| | Louise | 1 |
| | Joe-Lynn | 1 |
| | Wendy | 2 |
| | Richard | 2 |
| **Thursday** | Nora | 1 |
| **Friday** | Claire | 2 |
| | Graziella | 2 |
| | Lorraine | 1 |
| | Franca | 1 |

The turn-out at our first parents' meeting left much to be desired but we carried on nonetheless. Ms. Vivienne Cassar, our guest speaker, based her talks on parental skills and on the importance of building a sound relationship with the children. Parents were also given sufficient question time. Vivienne's contribution to the meeting was greatly appreciated by both parents and helpers. The coordinator, explained the aims and goals that our support service would offer to their children, which they all had to try to reach, stressing on the need of cooperation if we want the project to succeed.  At the end of the meeting Nora, met the parents over a drink

A team support meeting is being planned for the end of November.

*Jessie Spiteri*
Co-ordinator



***Żjara ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta Cordin***

Il-paci magħkom.....

L-ewwelnett grazzi tal-ħidma tal-Friendship Group.

Nixtieq ngħid grazzi lil Alla li tani dan ir-rigal li nżur lil dawn in-nisa. L-esperjenza tiegħi hija waħda ta' gratitudni lejn Alla li stajt nidħol, anke jekk għal ftit tal-ħin, fil-preżenza Tiegħu, permezz ta' dawn in-nisa.

Għalija li l-ewwel kelli mmur quddiem il-gwardjan u nuri l-oġġetti li kelli nagħti u dawn jiġu skrutinati (u hekk għandu jkun) - kienet esperjenza profonda. Stajt naqsam l-umiljazzjoni li jgħaddu minnha l-familjari tal-ħabsin kull darba li jġibu l-affarijiet lil qrabathom. Sakemm kont hemm stajt nosserva min-naħa waħda x-xogħol antipatiku, imma li jrid isir, mill-gwardjani, li jridu jeżaminaw kull oġġett li jġibu l-qraba - u dan jieħu ħafna ħin. U hawn tmiss b'idejk l-*istress* tal-gwardjani. U min-naħa l-oħra tara l-familjari li anke jekk iġibu ħwejjeġ, anke intimi, jkunu jridu jiġu skrutinati quddiem kulħadd, kulħadd isir jaf għal minn huma l-oġġetti għax il-gwardjan jgħajjat b'ħalq daqshiex il-kunjom tal-ħabsi. Nista' nifhem li din l-ispezzjoni quddiem kulħadd hija valida, għax jekk issir individwu waħda ma' gwardjan waħdu jista' jagħti lok għal abbuż. Pero' stajt nara wkoll li l-familjari jgħaddu mit-tbatija daqs dak li qiegħed il-ħabs. Nistaqsi kemm aħna bħala soċjeta aħna konxji ta' dawn it-tbatijiet?

Aħna li kellna li Sr Ignazja konna fortunati. Sr Ignazja hija maħbuba minn kulhadd, kemm mill-gwardjani u kemm mill-ħabsin, irġiel u nisa. Ħassejna ruħna komdi u protetti magħha. Rajt li hija soru fdata mmens u li tiddefendi lill-batut u li ssostnieh bil-kelma t-tajba, u li jilqgħu l-kelma tagħha. Dan kollu rajtu fil-ftit tal-ħin li konna magħha.

L-esperjenza fil-ħabs, fis-sezzjoni aktar ġdida tan-nisa, hija waħda li ma jien ser ninsa qatt.

Il-gwardjana kienet ġentili ħafna. Ħassejtni komda magħha u hija sensittiva għall-bżonnijiet tan-nisa. In-nisa kienu akkoljenti u komplew magħna. Stajna nitkellmu magħhom. Dehru li ħadu gost biż-żjara tagħna. Li ħassejna, kemm aħna u kemm huma, kienet li s-siegħa li hija allokata għaż-żjara, tonqos sew meta tnaqqas il-ħin meħud biex tiddikjara dak li tieħu biex tagħti lill-ħabsin sakemm jagħmlulek il-*pass* biex tidħol; sfortunatament tispiċċa jibqagħlek 20 minuta biss. Din mhixiex ġusta. Aħna konna ffurtunati għax il-gwardjana kienet ġentili biżżejjed, (nemmen li għax kellna lil Sr Ignazja) li meta ġie l-ikel xorta ħallitilna 20 minuta oħra. Tant li n-nisa kielu quddiemna.

Mingħajr ma niġġudika, rajt li dawn in-nisa lanqas jibqgħalom rispett għall-umanità tagħhom. Per eżempju, fil-ħin tal-ikel, probabbli minhabba s-sigurtà, dawn jieklu mill-kontenitur tal-ġablo li jinġieb l-ikel fih, u naturalment il-pożati huma tal-plastik ukoll. Mexxi u ġerri. Kulħadd jiekol għal rasu, inevitabbli. Sitwazzjoni tassew ta' tbatija kontinwa.

Staqsejnihom jekk dak l-ikel sajruhx huma. "Le", weġbuna, "m'għadniex insajru peress li mhux kulħadd iħobb l-istess affarijiet, u ma bdejniex naqblu, u għalhekk ġie deċiż li nieqfu nsajru. Nieklu minn dak li jsajjru s-sezzjoni tal-irġiel". Nistaqsi - hemm xi ċans li lil dawn in-nisa jiġu riabilitati b'mod li jerġgħu jsibu l-enerġija li jsajjru għalihom, anke jekk xejn xejn jitgħallmu sengħa oħra.

Staqsejt lil waħda Gwardjana jekk qattx ħadet taħriġ. Weġbitni: "u żgur li le; titgħallem biż-żmien". Jien ma ridtx nemmen lill-widnejja. Possibbli li f'pajjiżna, fejn hawn taħriġ għal kull ħaġa, għal dan ix-xogħol tant delikat m'hawnx?

L-isbaħ 40 minuta tal-ġurnata kienu dawk li qattajt man-nisa fil-ħabs. Apprezzajt il-fatt li meta jien mal-familja tiegħi nitolbu għall-ħabsin waqt ir-rużarju ta' kuljum, it-talb li nitolbu fil-kommunità tiegħi (Mixja Neo-Katekumenali) għall-ħabsin, dan it-talb jasal, kif u meta jrid Alla. Dan ikkonfermajtu meta waħda minnhom qasmet l-esperjenza magħna, li sabet lil Alla fil-ħabs u li qed tħossu magħha f'kull ħin, speċjalment waqt il-ħinijiet iebsin tal-ġurnata.

***Josephine Felice Pace***
***Kummissjoni Djakonija Ħal Balzan***
***Żjarat lill-ħabsin fil-qafas tal-Friendship Group tas-St. Jeanne Antide Foundation***



**Servizz ta' Social Work u Counselling**

Is-Servizz ta' Social Work qed jiġi msaħħaħ u espandut. Miegħu issa jinkorpora l-Counselling. Fil-fatt, isem is-servizz issa hu: Servizz ta' Social Work u Counselling. It-tim jinkludi lill-

- Sr Rose Rizzo, Social Worker
- Sr Agnes Farrugia, Family Worker
- Mrs Vivien Cassar, Counsellor
- Mrs Andreana Gellel, Social Work Supervisor
- Nora Macelli, Family Worker
- Ines Attard, Volunteer Befriender
- Carmen Mamo, Volunteer Befriender
- Lilly Scicluna, Volunteer Befriender
- Josephine Farrugia, Volunteer Befriender
- Vivien Abela, Volunteer Befriender

Il-Volunteer befrienders iffurmaw *roster* sabiex kuljum filgħodu ikun hemm min jakkumpanja lil Sr Agnes fiż-żjajjar lil persuni f'darhom. Se jiġi pjanat kors għal Volunteer Befrienders inkluż dawk li jżuru n-nisa fil-ħabs kull xahar.

# Everywhere around the world
**(Partout dans le monde)**

International Magazine issued by the Sisters of Charity

This magazine will be issued every 3 months in English, Italian and French.

*Subscription –*
Anyone interested to subscribe in this magazine, can do so by sending his/her details and the language heshe prefers to:
antatt@onvol.net

A subscription of €15 will be paid on receipt of the 1st issue.





Ġilju, tal-Wied

ħobżha ta' kuljum – l-inkwiet:
ma tistgħax għalihom
l-annimali, l-insetti,
is-sriep,il-ħanex, id-dud
u r-ragħad iberraq
u meta jintemm l-istaġun li tħobb

min jaf x'qed jaħsbu fuqha
dawk li moħħom aktar jilħqilhom,
min jaf x'iġibuha daqs ħanex
dawk li aktar sbieħ fil-mera
x'wiċċ serju, ta' bla ħniena,
it-taparsi daħqana, jew immnikktin.
iżda ħażin għalihom dawk li
ma jilħqilhomx u mhux sbieħ daqsha
għax jidhrulha biss b'lenti
ta' stmerrija.
bilkemm tiflaħ għalih, it-tħassib
l-inkwiet, il-biża'
il-misteru ta' x'ikun ġej il-għada,
kemm it-tajjeb u kemm ħazin

sakemm għodwa waħda, kmieni
bix-xorti iltaqgħet ma' wied
li kellimha b'ilsien tħaxwix is-siġar
u n-nixxiegħat.
iż-zmien ta' qabel int twelidt, qalilha, hu *Issa*
iż-zmien ta' meta tkun mejta huwa *Issa*,
l-istess, iż-żmien ta'meta jien nillixxa
u dawn l-għoljiet jitwittew.
u isma' sew! *Illum* ukoll huwa *Issa*
iżda għandek biżżejjed widnejn,
jew tnejn biss?
kapaċi tara b'għajn imwaħħda
jew bi tnejn biss?
*dan* għandek titgħallem!
għax imbierka int li tkun
qabel ma nħlaqt[1]

kien żmien twil, il-mument
li ddawwret fil-wied
tisma' kliem li ma kienx kliem
u ħsieb li ma kienx ħsieb
iżd' aktar reali w ġenwin

dehriet ma ratx
u ma ħolmotx ħolm
iżda qatt ma marret lura d-dar
għax darha kien, il-wied
u meta l-annimali ħarġu jilgħabu fil-qrib
lagħbet hi ukoll, mal-ġilji tal-wied
għax kif qalilha il-wied,
l-ikel spiritwali ibiddilna
...fih.[2]

tony macelli,
26 Oct 2008 v2

[1] - *Gospel of Thomas 19A*
[2] - *Aquinas (Summa, 73), Augustine, and Eckhart*

## *Lejn definizzjoni ta' Familja:*



- pediment fuq iż-żwieġ
- li ma jinħalx
- għaqda intima ta' ħajja bejn raġel u mara
- għall-għajnuna ta' xulxin
- jidħlu għaliha minn rajhom
- juru dan quddiem kulħadd
- miftuħa għall-għoti tal-ħajja

*Għaliex għandna bżonn definizzjoni ta' Familja?*

Għaliex jekk ma jkollniex definizzjoni ma nkunux nafu fuqhiex qed nitkellmu preċiż u ma nkunux nistgħu niffukaw l-attenzjoni, l-azzjoni u l-edukazzjoni li rridu nagħtu.

*Sors: mill-powerpoint presentation ta' Mons. Anton Gouder waqt il-Konferenza dwar ic-Charter tad-Drittijiet tal-Familja 22 ta' Ottubru.*

***Ic-Charter tad-Drittijiet tal-Familja maħruġ mis-Santa Sede fit-22 ta' Ottubru, 1983 jfisser 12-il dritt:***

1. Kull bniedem għandu d-dritt li jitħalla fil-libertà li jagħżel l-istat tal-ħajja tiegħu u għalhekk jiżżewweġ u jkollu familja jew jibqa' għażeb.
2. Ma jistax isir żwieġ mingħajr il-kunsens sħiħ u ħieles taż-żewġ għarajjes, kif titlob il-liġi.
3. Il-miżżewġin għandhom id-dritt li ħadd ma jista' jċaħħadhom minnu, li jrawmu familja, li jiddeċiedu l-intervall bejn twelid u ieħor u n-numru ta' wlied li jridu jwelldu, huma u jqisu b'mod sħiħ għal kollox dmirijiethom lejhom infushom, lejn l-ulied li ġa tweldulhom, lejn il-familja u s-soċjetà. Għandhom iħarsu l-ġerarkija ġusta ta' valuri u l-ordni morali fih innifsu li ma jippermettix li huma jużaw il-kontraċezzjoni, l-isterilazzazzjoni u l-abort.
4. Il-ħajja tal-bniedem għandha tkun rispettata u mħarsa bl-aktar mod sħiħ sa mill-ewwel moment tat-tnissil tagħha.
5. Ġaladarba kienu huma li taw il-ħajja lil uliedhom, il-ġenituri għandhom id-dritt oriġinali, ewlieni u li ħadd ma jista' jċaħħaddhom minnu, li jedukaw 'l uliedhom; għalhekk il-ġenituri għandhom jitqiesu bħala l-ewwel u l-aqwa edukaturi ta' wliedhom.
6. Il-familja għandha d-dritt li teżisti u timxi 'l quddiem bħala familja.
7. Kull familja għandha d-dritt li tgħix bil-libertà kollha l-ħajja reliġjuża tagħha taħt it-tmexxija tal-ġenituri. Għandha tkun ħielsa li tistqarr ukoll pubblikament u xxandar il-fidi tagħha, u tieħu sehem fil-qima pubblika u fi programme ta' tagħlim reliġjuż li hi tkun fil-libertà li tagħmel mingħajr ma ġġarrab l-ebda diskriminazzjoni.
8. Il-familja għandha d-dritt taqdi l-missjoni soċjali u politika tagħha fil-bini tas-soċjetà.
9. Il-familji għandhom id-dritt li jistgħu jafdaw fi pjan xieraq għall-familja mfassla min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi fl-oqsma ġuridiċi, ekonomiċi, soċjali u fiskali, mingħajr ma jbatu ebda diskriminazzjoni.
10. Fejn jidħol ix-xogħol, il-familji għandhom dritt għal sistema ekonomika u soċjali li permezz tagħha l-membri kollha tal-familja jkunu jistgħu jgħixu flimkien mingħajr ma tfixkel l-għaqda, il-ġid, is-saħħa u s-sħuħija tal-familja, waqt li toffri wkoll lil kulħadd possibilità ta' rikreazzjoni xierqa.
11. Il-familja għandha dritt għal dar xierqa, adattata għall-ħajja tal-familja u ta' daqs skond l-għadd tal-membri, f'ambjent li joffri s-servizzi l-aktar meħtieġa għall-ħajja tal-familja u tal-komunità.
12. Il-familja ta' l-emigranti għandhom id-dritt għall-istess ħarsien li jingħata lill-familji l-oħra.

# Fiera ta' Kotba

# Pjanti u Kejkijiet



**Mill-21 sas 23 ta' Novembru**

**Mid-9:00 ta' filgħodu**

**Sas 7:00 ta' filgħaxija**

**Ġewwa ċ-Ċentru Antida**

**Triq Ħal Tarxien, Tarxien**



***VISIT OUR WEBSITE:***

***www.antidemalta.com***

***PAST ISSUES of this Newsletter may be read or downloaded at:***

http://www.antidemalta.com/Newsletters/Newsletters.htm

# AĦBARIJIET MILL-FONDAZZJONI

**A. Żvilupp professjonali kontinu għall-impjegati**:

- 22 ta' Ottubru filgħaxija: Nora Macelli attendiet Konferenza Nazzjonali organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Familja, is-Segretarjat tal-Caritas, u l-Moviment ta' Kana dwar iċ-**Charter tad-Drittijiet tal-Familja**. Tkellmu dawn li ġejjin: (a) in-Nunzju Apostoliku, Mons. Caputo dwar 'The Charter of the Rights of the Family', Mons. Anton Gouder dwar 'Iċ-Charter tad-Drittijiet tal-Familja', il-Presidenta tal-Kummissjoni Djoċesana Familja dwar il-ħidma tal-Kummissjoni dawn l-aħħar snin u dwar riċerka li l-Kummissjoni wettqet f'Mejju din is-sena dwar il-familja u żwieġ. Tqassam bil-Malti ċ-Charter li kien ħareġ il-Vatikan fit-22 ta' Ottubru 1983, 25 sena ilu. Min jixtieq kopja ta' dak li tqassam, jikkuntattjana.

- 22 ta' Ottubru: Vivien Cassar, Counsellor, attendiet Seminar dwar **Fathers' and Sons' Relationship** in the context of Separation organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Family Therapists fir-Radisson.

- Is-Sibt 25 ta' Ottubru: Sr Rose Rizzo u Vivien Cassar mis-Servizz ta' Social Work u Counselling fi ħdan SJAF ipparteċipaw f'Seminar ta' jum immexxi mill-Professur Paul Cooper bit-tema ta' **Understanding and Supporting Children with ADHD** u organizzat mill-ADHD Family Support Group u l-Malta Union of Professional Psychologists (MUPP). Magħhom attendiet ukoll waħda mis-service users tagħna.

- 30 ta' Ottubru: Nora Macelli ipparteċipat f'Seminar ta' 5 sigħat fuq **Capacity Building through Volunteering** organizzat mill-SOS. Is-seminar kien dwar l-importanza u l-immaniġjar tal-voluntieri fi ħdan organizzazzjoni.

- 30 ta' Ottubru tard filgħaxija: Lina Ciantar mill-Bridge Programme ta' SJAF u Nora Macelli, kif ukoll Andreana Avellino li hi risponsabbli mis-Social Work Supervision attendew Seminar organizzat mill-Malta Institute for Medical Education (MIME) dwar **Marital Separation: understanding the needs of Children**. Saru 7 preżentazzjonijiet qosra minn panel ta' esperti Maltin mill-oqsma soċjali, edukazzjoni, liġi, mediċina, u psikoloġija.

- 10 ta' Ottubru: Sr Salvina Bezzina, Sr Rose Rizzo, Sr Anna Theresa, Sr Agnes u Nora attendew l-attività organizzata mill-Mental Health Association f'St James Cavalier fejn intwera l-film ***Beautiful Mind*** dwar l-ischizophrenia u tmexxiet diskussjoni mqanqla dwar is-sofferenza, kura u ħtiġijiet ta' min isofri u min jieħu ħsieb.

**B. The Institute for Tourism Studies (ITS)**

ITS has invited the St Jeanne Antide Foundation to feature in a DVD it is producing on its ESF 80 Course entitled **Training in hospitality trades for disadvantaged persons and persons with learning difficulties.** The reason why we were asked to feature in the DVD is twofold: (a) our Foundation has been referring Bridge Programme youths and others to the ITS for admission to this very useful course; (2) the ITS appreciates the collaboration that has evolved between us since both our organizations and the ETC strive to ensure that such youths are helped to gain skills that would eventually enable them to find dignity through some form of employment. Filming at SJAF was completed on Tuesday 29th October. Moreover, Nora has been invited to provide input in three Conferences it is organizing in November and December for Parents, ITS staff, and HR Managers within the tourism sector respectively. The first Conference is being held on November 4th for parents. Its aim is to encourage parents to allow their children to practice at home what they learn through courses that ITS, SJAF and ETC provide.

### C. Il-Klabb NannaKola f'parroċċi oħra

**M'Scala**: Urieth Aquilina, it-Team Leader ta' din l-inizjattiva, flimkien mal-membri l-oħra tat-team - Emma u Anthony Pulis u Josephine Chetcuti ħejjew kollox sabiex jibda Klabb NannKola fil-Parroċċa ta' M'Scala. Din l-inizjattiva qed titwettaq mill-qrib mal-Kappillan il-ġdid Fr Walter Cauchi. Qed jgħin ukoll biex insibu l-aktar familji vulnerabbli, is-Social Worker u Leader tal-Kummissjoni Djakonija ta' M'Scala, Vince Tonna. Il-Klabb se jibda nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru fid-9.00 ta' filgħodu fis-sala parrokkjali (il-parti li n-nies jirreferu għaliha bħala l-Garaxx). Il-Kappillan jixtieq li din l-inizjattiva tkun waħda li tkompli ssir regolarment, l-aktar billi l-Parroċċa hija dedikata għal Sant'Anna, in-nanna ta' Ġesù. Josephine Chetcuti, Voluntiera mas-SJAF, hija l-persuna li qed taħdem id f'id ma' l-iSkola Primarja u l-Parroċċa. Il-posters u tagħrif tqassmu ukoll f'żoni fejn hemm numru ta' familji fid-diffikultà u fost is-Single Parents li magħhom taħdem il-Kummissjoni Djakonija.



**Paola:** Urieth u Nora qed jaħdmu wkoll biex il-Klabb jinbeda wkoll f'Raħal Ġdid. Aktar tagħrif dwar dan jingħata dalwaqt. F'Paola, se tkun Urieth li tmexxi l-Klabb bil-għajnuna ta' nanniet li ħadu sehem fl-ewwel Klabb li sar Ħal Tarxien għand l-Agostinjani.

Bil-mod il-mod, se naħdmu biex niżviluppaw strateġija dwar l-espansjoni ta' din l-inizjattiva f'parroċċi oħra permezz ta' taħriġ ta' mexxejja tal-Klabbijiet.

### D. Bridge Programme 2

We are starting the second basic skills training programme for youths at risk on Tuesday 4th November. You can find the programme schedule elsewhere in the newsletter. Referrals have been made by the Tarxien Youth Centre, Villa Chelsea, the Żurrieq Kummissjoni Djakonija and the Social Work Servic of SJAF.

### E. The Employment and Training Corporation (ETC)

Four youths are benefiting from a job experience placement with SJAF through two ETC schemes: the Job Experience Scheme (2) and the Active Youth Scheme (2). They are: Sharon Bugeja, Denise Chetcuti, Marcyon Spiteri and Daniel Micallef. At SJAF, they are practising answering the phone, welcoming visitors, typing texts, data-inputing, ocument photocopying and collation, maintaining a library for service users (basic accessioning and cataloguing), working with children through St Rita Home run by the Ursuline Sisters (1 youth) and other tasks of a clerical nature. Were we to have funds, we would be in a position to employ someone to provide such training to youths at risk on a regular basis.

### F. Courses for Service Users and Volunteers

- The Course on Self-Esteem was recently completed and Certificates of Participation issued. This course is very much appreciated by participants. A new group shall be formed. The course was led by Astrid Camilleri. Referrals from the group were made to the SJAF Counsellor as well.



- Three Basic Computers Courses were started, using the Augustinian Order's Computer Lab at the Oratorju as a base. Joe Abela is the ICT Tutor for the courses.

- Other adult learning opportunities are being planned. Discussions are underway with the Health Promotion Unit of the Health Division to provide non-formal learning opportunities for vulnerable groups in areas linked to self-health and care, diet and nutrition and other topics.

## G. Laqgħat, eċċ



- 1 ta' Ottubru: Friendship Group
- Kull nhar ta' Ħamis filgħodu: Kirkop Outreach Workers
- 9 ta' Ottubru: Laqgħa għall-ġenituri ta' tfal li qed jibbenifikaw mill-Homework Support Service
- 13 ta' Ottubru: saret il-laqgħa ta' kull xahar tal-Board of Governors tal-Fondazzjoni. Il-membri kollha ħadu sehem.
- 14 ta' Ottubru: Sr Rose u Nora ħadu sehem fil-programm tar-radju ta' Lilian Maistre Familja Waħda (PBS) fejn tkellmu dwar is-servizzi tal-Fondazzjoni
- 17 ta' Ottubru: saret il-laqgħa tar-Receptionists fejn, fost bosta ħwejjeġ, tfasslet ir-roster il-ġdida għax-xitwa.
- 27 ta' Ottubru: Sr Rose ippartecipat fil-laqgħa tal-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.
- 29 ta' Ottubru: Nora ħadet sehem fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill għas-Settur tal-Volontarjat fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet

## H. Counselling Co-ordinator

Nilqgħu magħna lil Vivien Cassar li għandha r-rwol ta' Counselling Co-ordinator. L-irwoli tagħha jinkludu Counselling, appoġġ emozzjonali lil ħaddiema inkluż voluntieri, taħriġ ta' ġenituri u adulti fid-diffikultà, taħriġ ta' gruppi ta' voluntieri. Nifirħulha u nirringrazzjawha tal-kontribut siewi tagħha.

- The St Jeanne Antide Foundation is enrolled with the Office of the Commissioner for Voluntary Organisations.

  Enrolment number: VO/0005 /14th May 2008.

  SJAF is also a member of:

  1. The Caritas Council;
  2. The Malta Health Network; and
  3. The Mental Health Association

- Nora Macelli has been appointed member of the Council for the Voluntary Sector. This Council is set up in line with legislation - Chapter **492 VOLUNTARY ORGANISATIONS ACT** to regulate voluntary organisations and their administration, 11th December, 2007 (Act ACT XXII of 2007)

**Ċentru Antida**

**November Opening Hours**

| | | |
|---|---|---|
| Monday | 8:00 to 12:30 | 15:30 to 19:00 |
| Tuesday | 8:00 to 12:30 | |
| Wednesday | 8:00 to 12:30 | 15:30 to 19:00 |
| Thursday | 8:00 to 12:30 | |
| Friday | 8:00 to 12:30 | 15:30 to 19:00 |

**Correspondence Address**
Ponderosa
Triq l-Ikħal
M'Scala MXK3623
Malta
Tel no. 27636819

email: adrmir@onvol.net